ŻEBBUĠ

## MINUTI TAL-LAQGĦA URĠENTI

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, l-1 ta' Ġunju 2011**

**Hin: Fit-8.30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Chev. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson - Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sindku qal sejjaħ din il-laqgħa b' urġenza fid-dawl ta' opportunita' li għandna biex napplikaw għal fondi mill-Ewropa taħt il-programm 'Active Citizens for Europe' għal finanzjament ta' skambji mal-lokalita' ta' Maletto li magħha ġemellati. Qal nistgħu nibbenefikaw sa €5,000 għal din l-inizzjattiva u Ii l-applikazzjoni qed timtela minn Daniele Fantechi.

Is-Sindku qal din il-laqgħa ma setgħetx issir fl-għaxija peress li l-applikazzjoni tagħlaq f' nofsinhar. Il-Kunsillier Refalo lmenta għall-fatt li l-laqgħa saret filgħodu.

F' dan l-istadju, is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-applikazzjoni għal fondi u s-Sindku u l-Viċi Sindku jmorru Maletto bejn it-3 u s-6 ta' Ġunju 2011 biex ikun finalizzat il-programm.

Il-Kunsillier Camilleri qal hu kontra, ma jafx kif inqalgħet issa, wara nuqqas ta' ħames snin.

Il-Kunsillier Refalo talab biex jara l-applikazzjoni.

Qablu mal-proposta tas-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Debono.

Il-Viċi Sindku spjega kif qabel siefer, kien kellmu s-Sindku ta' Maletto dwar l-invit u hu kien qallu biex l-invit jinħareġ fuq il-Kunsill kollu.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Chev. Carmelo Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |